REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 586/2013

tal-20 ta' Ġunju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi u li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 rigward id-data tas-sottomissjoni tar-rapport annwali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 [2] fih regoli li għandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti u lista ta' korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll rikonoxxuti għal skop ta' ekwivalenza.

(2) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba bis-superviżjoni tas-sistema tal-ekwivalenza, huwa meħtieġ li jiġi emendat il-kontenut tal-lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll li huma rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 biex ikun żgurat li l-informazzjoni dwar l-operaturi taħt il-kontroll ta' dawk il-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll tiġi aġġornata.

(3) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba bis-superviżjoni tas-sistema tal-ekwivalenza u fid-dawl tal-punt 5.1.4 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [3], li jirrakkomanda li l-ispeċifikazzjonijiet tal-iskemi, inkluż sommarju pubbliku, isiru disponibbli liberament, pereżempju fuq websajt, u fid-dawl tal-fatt li bosta korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jippubblikaw l-istandard organiku tagħhom fuq il-websajts tagħhom, huwa xieraq li l-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll rikonoxxuti b'konformità mal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 ikunu meħtieġa jippubblikaw l-istandard tal-produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll li għalihom ġew rikonoxxuti fuq il-websajt tagħhom u li jinkludu l-websajt tal-Internet fejn tinsab dik l-informazzjoni fil-kontenut tal-lista ta' korpi tal-kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti.

(4) Sabiex l-ammont ta' xogħol marbut mas-sorveljanza ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti u ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti jinqasam, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport annwali ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti li tkun differenti minn dik għat-tressiq tar-rapport annwali ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti. Bħala konsegwenza, id-data għas-sottomissjoni ta' talbiet kompleti għall-inklużjoni fil-lista ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għandha titressaq 'il quddiem b'xahar ukoll.

(5) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fih lista ta' pajjiżi terzi li s-sistema tagħhom ta' produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Fid-dawl ta' informazzjoni ġdida li rċeviet il-Kummissjoni minn pajjiżi terzi mill-aħħar emenda ta' dak l-Anness, għandhom isiru ċerti bidliet fil-lista.

(6) L-awtoritajiet Ġappuniżi u tal-Istati Uniti talbu lill-Kummissjoni biex tinkludi korpi tal-kontroll u ta' ċertifikazzjoni ġodda u ppreżentaw lill-Kummissjoni bil-garanziji meħtieġa li huma jissodisfaw il-kunduzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

(7) It-tul ta' żmien tal-inklużjoni tal-Ġappun fil-lista provduta fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013. Minħabba li l-Ġappun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fid-dawl tal-esperjenza tal-monitoraġġ, l-inklużjoni għandha tittawwal għal perjodu bla limitu.

(8) It-tul ta' żmien tal-inklużjoni tat-Tuneżija fil-lista provduta fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2013. Fid-dawl tal-esperjenza tal-monitoraġġ, l-inklużjoni għandha tiġi mtawla sat-30 ta' Ġunju 2014.

(9) Ir-rikonoxximent tal-Isvizzera skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 attwalment japplika għal prodotti agrikoli li mhumiex ipproċessati u prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel u għalf. L-awtoritajiet Svizzeri ppreżentaw talba lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-ekwivalenza wkoll għall-inbid organiku. L-eżami tat-tagħrif mibgħut ma' dik it-talba u l-kjarifiki sussegwenti mogħtija mill-Awtoritajiet Svizzeri wasslu għall-konklużjoni li, f'dak il-pajjiż, ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-inbid organiku huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika

[1] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
[2] ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25.
[3] ĠU C 341, 16.12.2010, p. 5.

u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiċi. [1] Konsegwentement, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-Isvizzera rigward prodotti pproċessati għall-użu bħala ikel għandha tapplika wkoll għall-inbid organiku.

(10) Ir-rikonoxximent tal-Isvizzera skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 attwalment japplika għal prodotti agrikoli li mhumiex ipproċessati u prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel u għalf li ġew importati lejn l-Istati Uniti. Hemm bżonn li jiġi ċċarat li biex jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti, il-prodotti organiċi importati lejn l-Istati Uniti għandhom ikunu għaddew miill-ipproċessar jew mill-ippakkjar fl-Istati Uniti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti.

(11) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu ċ-ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-iskop ta' ekwivalenza. Fid-dawl tal-informazzjoni ġdida li waslet għand il-Kummissjoni mill-korpi tal-kontroll u mill-awtoritajiet tal-kontroll elenkati f'dak l-Anness, għandhom isiru ċerti bidliet fil-lista.

(12) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet għall-inklużjoni fil-lista stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, li rċeviet sal-31 ta' Ottubru 2012. Għandhom jiġu inklużi f'dik il-lista dawk il-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll li għalihom l-eżami li kien sar sussegwenti, tal-informazzjoni kollha riċevuta, wassal għall-konklużjoni li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(14) Sabiex tkun żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel u biex il-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll jingħataw biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet emendati marbuta magħhom, għandha tiġi stabbilita data aktar tard ta' applikazzjoni għall-emendi relatati ma' websajts tal-Internet, ma' rapporti annwali u mal-proċedura għat-talba għall-inklużjoni fil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti.

(15) Minħabba problemi tekniċi marbuta mal-ewwel użu tas-sistema ta' trasmissjoni elettronika speċifika pprovduta mill-Kummissjoni, id-data għas-sottomissjoni tar-rapport annwali li għandu jiġi sottomess mill-korpi tal-kontroll u mill-awtoritajiet tal-kontroll elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, attwalment stabbilita għall-31 ta' Marzu ta' kull sena, fl-2013 għandha tiġi posposta għat-30 ta' April. Dik id-deroga għandha tapplika retroattivament mill-31 ta' Marzu 2013.

(16) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 10(2) huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) il-websajt tal-Internet fejn tinsab il-lista aġġornata tal-operaturi suġġetti għas-sistema ta' kontroll, li tindika l-istatus ta' ċertifikazzjoni tagħhom u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati kif ukoll punt ta' kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar operaturi u prodotti sospiżi u li kellhom iċ-ċertifikati tagħhom revokati;"

(b) Huwa miżjud il-punt (f) li ġej:

"(f) il-websajt tal-Internet fejn jinsabu preżentazzjoni kompluta tal-istandard tal-produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll applikati mill-korp tal-kontroll jew mill-awtorità tal-kontroll f'pajjiż terz."

(2) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tinkludi korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista pprovduta fl-Artikolu 10 malli tirċievi talba għall-inklużjoni minn rappreżentant tal-korp tal-kontroll jew tal-awtorità tal-kontroll ikkonċernata fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni magħmul disponibbli mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2). Huma biss it-talbiet kompluti li jkunu waslu sat-30 ta' Settembru ta' kull sena li għandhom jitqiesu għall-aġġornament tal-lista. Il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb l-aġġornamenti regolari tal-lista kif xieraq fuq il-bażi ta' talbiet kompleti li jkunu waslu qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena."

(3) Fil-punt (b) tal-Artikolu 12(1) u fil-punt (a) tal-Artikolu 12(2), "il-31 ta' Marzu" jinbidel għat-"28 ta' Frar".

(4) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Deroga għas-sena 2013

B'deroga mill-Artikoli 12(1)(b) u 12(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, għas-sena 2013 il-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll li huma elenkati fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament għandhom jibagħtu rapport annwali lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2013.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mill-31 ta' Marzu 2013.

[1] ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

Il-punti (1)(a), (2) u (3) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014 u l-punt (1)(b) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt 5 tat-test li jirrigwarda l-Indja, ir-ringiela IN-ORG-011 hija mħassra.

(2) It-test li jirrigwarda l-Ġappun huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 5, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"JP-BIO-027	NPO Kumamoto Organic Agriculture Association	http://www.kumayuken.org/jas/certification/index.html
JP-BIO-028	Hokkaido Organic Promoters Association	http://www.hosk.jp/CCP.html
JP-BIO-029	Association of organic agriculture certification Kochi corporation NPO	http://www8.ocn.ne.jp/~koaa/jisseki.html
JP-BIO-030	LIFE Co., Ltd.	http://www.life-silver.com/jas/"

(b) Il-punt 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Tul taż-żmien tal-inklużjoni: mhux speċifikat."

(3) Fit-test li jirrigwarda l-Isvizzera, in-nota f'qiegħ il-paġna nru 2 għall-kategorija ta' prodotti "Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel" tinbidel b'dan li ġej:

"([2]) Ħmira mhux inkluża."

(4) Fit-test li jirrigwarda t-Tuneżija, il-punt 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Tul taż-żmien tal-inklużjoni: it-30 ta' Ġunju 2014."

(5) It-test li jirrigwarda l-Istati Uniti huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. **ORIĠINI**: prodotti tal-kategoriji A, B u F u l-ingredjenti mkabbrin organikament fil-prodotti tal-kategoriji D u E li:

— tkabbru fl-Istati Uniti, jew

— li ġew importati lejn l-Istati Uniti u ġew ipproċessati jew ippakkjati fl-Istati Uniti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti."

(b) Fil-punt 5, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"US-ORG-060	Institute for Marketecology (IMO)	http://imo.ch/"

ANNESS II

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) It-test li jirrigwarda "Albinspekt" jinbidel b'dan li ġej:

"'**Albinspekt**'

1. Indirizz: Rruga Ded Gjon Luli, Pall. 5, Shk.1, Ap.8, 1000 Tirana, l-Albanija

2. Indirizz tal-Internet: http://www.albinspekt.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Albanija	AL-BIO-139	x	x	—	x	—	—
Kosovo ([1])	XK-BIO-139	x	x	—	x	—	—

([1]) Din id-dežinjazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza ta' Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015"

(2) It-test li jirrigwarda "ARGENCERT SA" jinbidel b'dan li ġej:

"'**ARGENCERT SA**'

1. Indirizz: Bernardo de Irigoyen 972 4 piso 'B', C1072AAT Buenos Aires, l-Arġentina

2. Indirizz tal-Internet: www.argencert.com.ar

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Iċ-Ċilì	CL-BIO-138	x	—	—	x	—	—
Il-Paragwaj	PY-BIO-138	x	—	—	x	—	—
L-Urugwaj	UY-BIO-138	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(3) It-test li jirrigwarda "AsureQuality Limited" jinbidel b'dan li ġej:

"'**AsureQuality Limited**'

1. Indirizz: Level 4, 8 Pacific Rise, Mt Wellington, Auckland, In-New Zealand

2. Indirizz tal-Internet: http://www.organiccertification.co.nz

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
In-New Zealand	NZ-BIO-156	—	—	x	x	—	—
Il-Gżejjer Cook	CK-BIO-156	x	—	—	—	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid u prodotti koperti bl-Anness III

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2016."

(4) Fit-test li jirrigwarda "Australian Certified Organic" il-punti 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej

"1. 18 Eton Street – PO Box 810 – Nundah 4012, Queensland, L-Awstralja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.aco.net.au/"

(5) It-test li jirrigwarda "Austria Bio Garantie GmbH" jinbidel b'dan li ġej:

"'**Austria Bio Garantie GmbH**'

1. Indirizz: Ardaggerstr. 17/1, 3300 Amstetten, L-Awstrija

2. Indirizz tal-Internet: http://www.abg.at

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Albanija	AL-BIO-131	x	—	—	—	—	—
L-Armenja	AM-BIO-131	x	—	—	—	—	—
L-Afganistan	AF-BIO-131	x	—	—	—	—	—
L-Azerbajġan	AZ-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Belarus	BY-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Bosnja-Ħerzegovina	BA-BIO-131	x	—	—	—	—	x
Il-Kroazja	HR-BIO-131	x	x	—	—	x	x
Kuba	CU-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Ġeorġja	GE-BIO-131	x	—	—	—	—	—
L-Iran	IR-BIO-131	x	—	—	—	—	—
L-Iraq	IQ-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Ġordan	JO-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Kazakistan	KZ-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Kosovo ([1])	XK-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Kirgiżistan	KG-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Libanu	LB-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	MK-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Messiku	MX-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Moldova	MD-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Il-Montenegro	ME-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Ir-Russja	RU-BIO-131	x	—	—	—	—	—
Is-Serbja	RS-BIO-131	x	x	—	—	—	—
It-Taġikistan	TJ-BIO-131	x	—	—	—	—	—

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
It-Turkija	TR-BIO-131	x	x	—	—	—	—
It-Turkmenistan	TM-BIO-131	x	—	—	—	—	—
L-Ukraina	UA-BIO-131	x	x	—	—	x	x
L-Uzbekistan	UZ-BIO-131	x	x	—	—	—	x

([1]) Din id-dežinjazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza ta' Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(6) Fit-test li jirrigwarda "BIOAGRIcert S.r.l.", il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Indirizz tal-Internet: http://www.bioagricert.org"

(7) It-test relatat mal- "Certificadora Mexicana de productos y procesos ecológicos S.C." jinbidel b'dan li ġej:

"'**Certificadora Mexicana de productos y procesos ecológicos S.C.**'

1. Indirizz: Calle 16 de septiembre N^{o} 204, Ejido Guadalupe Victoria, Oaxaca, Il-Messiku, C.P. 68026.

2. Indirizz tal-Internet: http://www.certimexsc.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Ir-Repubblika Dominikana	DO-BIO-104	x	—	—	—	—	—
Il-Gwatemala	GT-BIO-104	x	—	—	—	—	—
Il-Messiku	MX-BIO-104	x	x	—	x	—	—
El Salvador	SV-BIO-104	x	—	—	—	—	—

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni; nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(8) It-test li jirrigwarda "Ecocert SA" jinbidel b'dan li ġej:

"'**Ecocert SA**"

1. Indirizz: BP 47, 32600 L'Isle-Jourdain, Franza

2. Indirizz tal-Internet: http://www.ecocert.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Alġerija	DZ-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Andorra	AD-BIO-154	x	—	—	—	—	—
L-Azerbajġan	AZ-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Benin	BJ-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Bosnja-Ħerzegovina	BA-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Brażil	BR-BIO-154	x	—	—	x	x	x

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Il-Burkina Faso	BF-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Burundi	BI-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Kambodja	KH-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Kamerun	CM-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Kanada	CA-BIO-154	—	—	—	x	—	—
Iċ-Ċad	TD-BIO-154	x	—	—	—	—	—
Iċ-Ċina	CN-BIO-154	x	—	x	x	x	x
Il-Kolombja	CO-BIO-154	x	—	—	x	—	x
Il-Komoros	KM-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Côte d'Ivoire	CI-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Kroazja	HR-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Kuba	CU-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Ir-Repubblika Dominikana	DO-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Ekwador	EC-BIO-154	x	—	x	x	x	—
Fiġi	FJ-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Gana	GH-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Gwatemala	GT-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Ginea	GN-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Gujana	GY-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Ħaiti	HT-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Indja	IN-BIO-154	—	—	x	x	—	—
L-Indonežja	ID-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Iran	IR-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Ġappun	JP-BIO-154	—	—	—	x	—	—
Il-Kazakistan	KZ-BIO-154	x	—	—	—	—	—
Il-Kenja	KE-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Kuwajt	KW-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Kirgiżistan	KG-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Laos	LA-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	MK-BIO-154	x	—	—	x	—	x
Il-Madagaskar	MG-BIO-154	x	—	x	x	—	—
Il-Malawi	MW-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Malasja	MY-BIO-154	x	—	—	x	—	—

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Mali	ML-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Mawrizju	MU-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Messiku	MX-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Moldova	MD-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Monako	MC-BIO-154	—	—	—	x	—	—
Il-Marokk	MA-BIO-154	x	—	x	x	—	x
Il-Możambik	MZ-BIO-154	x	—	x	x	—	—
In-Namibja	NA-BIO-154	x	—	—	—	—	—
In-Nepal	NP-BIO-154	x	—	—	x	—	—
In-Niġerja	NG-BIO-154	x	—	—	—	–	—
Il-Pakistan	PK-BIO-154	x	—	—	—	—	x
Il-Paragwaj	PY-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Perù	PE-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Il-Filippini	PH-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Ir-Russja	RU-BIO-154	x	—	—	—	—	—
Ir-Rwanda	RW-BIO-154	x	—	—	x	—	—
São Tomé u Prinċipe	ST-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Arabja Sawdija	SA-BIO-154	x	—	—	x	x	x
Is-Senegal	SN-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Is-Serbja	RS-BIO-154	x	—	—	x	—	x
Is-Somalja	SO-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Afrika t'Isfel	ZA-BIO-154	x	—	—	x	x	x
Is-Sudan	SD-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Is-Sważiland	SZ-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Is-Sirja	SY-BIO-154	x	—	—	x	—	—
It-Tanzania	TZ-BIO-154	x	—	—	x	—	—
It-Tajlandja	TH-BIO-154	x	—	x	x	—	—
It-Togo	TG-BIO-154	x	—	—	x	—	—
It-Tuneżija	TN-BIO-154	—	—	x	x	—	—
It-Turkija	TR-BIO-154	x	—	x	x	x	x
L-Uganda	UG-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Ukraina	UA-BIO-154	x	—	—	—	—	—

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Emirati Għarab Magħquda	AE-BIO-154	x	—	—	x	—	—
L-Uzbekistan	UZ-BIO-154	x	—	—	—	—	—
Il-Vanwatu	VU-BIO-154	x	—	—	—	—	x
Il-Vjetnam	VN-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Iż-Żambja	ZM-BIO-154	x	—	—	x	—	—
Iż-Żimbabwe	ZW-BIO-154	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, prodotti koperti bl-Anness III

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(9) It-test li jirrigwarda "IMO Control Latinoamérica Ltda." jinbidel b'dan li ġej:

"'**IMO Control Latinoamérica Ltda.**'

1. Indirizz: Calle Pasoskanki 2134, Cochabamba, Il-Bolivja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.imo.ch

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Il-Bolivja	BO-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Il-Kolombja	CO-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Ir-Repubblika Dominikana	DO-BIO-123	x	—	—	x	—	—
L-Ekwador	EC-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Il-Gwatemala	GT-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Ħaiti	HT-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Il-Messiku	MX-BIO-123	x	—	—	x	—	—
In-Nikaragwa	NI-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Il-Perù	PE-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Il-Paragwaj	PY-BIO-123	x	—	—	x	—	—
El Salvador	SV-BIO-123	x	—	—	x	—	—
Il-Venezwela	VE-BIO-123	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(10) It-test li jirrigwarda "Lacon GmbH" jinbidel b'dan li ġej:

"'**LACON GmbH**'

1. Indirizz: Brünnlesweg 19, 77654 Offenburg, Il-Ġermanja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.lacon-institut.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Azerbajġan	AZ-BIO-134	x	—	—	x	—	—
Il-Bangladexx	BD-BIO-134	x	—	—	x	—	—
Il-Brażil	BR-BIO-134	—	x	—	—	—	—
Il-Burkina Faso	BF-BIO-134	x	—	—	x	—	—
Il-Kroazja	HR-BIO-134	x	x	—	x	—	—
Il-Gana	GH-BIO-134	x	—	—	x	—	—
L-Indja	IN-BIO-134	—	x	—	—	—	—
Il-Kazakistan	KZ-BIO-134	x	—	—	—	—	—
Il-Madagaskar	MG-BIO-134	x	—	—	x	—	—
Mali	ML-BIO-134	x	—	—	—	—	—
Il-Messiku	MX-BIO-134	x	x	—	—	—	—
Il-Marokk	MA-BIO-134	x	—	—	x	—	—
In-Namibja	NA-BIO-134	x	—	—	x	—	—
In-Nepal	NP-BIO-134	x	—	—	x	—	—
Ir-Russja	RU-BIO-134	x	—	—	—	—	—
Is-Serbja	RS-BIO-134	x	—	—	x	—	—
L-Afrika t'Isfel	ZA-BIO-134	x	—	—	x	—	—
It-Togo	TG-BIO-134	x	—	—	x	—	—
It-Turkija	TR-BIO-134	x	—	—	x	—	—
L-Ukraina	UA-BIO-134	x	—	—	—	—	—
L-Emirati Għarab Magħquda	AE-BIO-134	—	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid u prodotti koperti bl-Anness III

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2015."

(11) Wara t-test li jirrigwarda "Organic Certifiers", jiddaħħal it-test li ġej:

"'**Organic Control System**'

1. Indirizz: Trg cara Jovana Nenada 15, 24000 Subotica, Srbija

2. Indirizz tal-Internet: www.organica.rs

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Is-Serbja	RS-BIO-162	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, nbid

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2016."